



Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2025 – Ecole Normale Supérieure vs Il-Kummissjoni u EACEA

(Kawża T-617/25)

(C/2025/5970)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Ecole Normale Supérieure (rappreżentant: A. Cousin, avukata)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddeċiedi li l-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) ma tistax tinvoka kreditu li jammonta għal EUR 420 865,04 u, għaldaqstant, tiddikjara li n-nota ta' debitu tat-22 ta' Ottubru 2024 u l-ittri ta' rkupru tal-10 ta' Diċembru 2024 u tas-26 ta' Mejju 2025 huma infondati;
- tordna lill-EACEA, li taġixxi bis-saħħa tas-setgħat iddelegati lilha mill-Kummissjoni Ewropea, toħroġ nota ta' debitu ġdida fl-ammont ta' EUR 162 691,30;
- tannulla d-deċiżjoni ta' tpaċija tal-14 ta' Lulju 2025 tal-Kummissjoni Ewropea;
- tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-EACEA għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-okkorrenza ta' każ ta' forza maġġuri.
 - Ir-rikorrenti ssostni li kien b'applikazzjoni tal-miżuri restrittivi adottati mill-Kunsill Ewropew kontra r-Russja wara l-aggressjoni tal-Ukraina, li ntemmet il-parteċipazzjoni tal-imsieħba Russi fil-proġett "Integrated Track in Brain and Cognitive Sciences" (iktar 'il quddiem "iBrain"). Minħabba din l-esklużjoni, l-imsieħba Russi ma kkomunikawx lir-rikorrenti d-dokumenti li jiġġustifikaw l-ispejjeż sostnuti minnhom, qabel it-tmiem tal-parteċipazzjoni, fil-kuntest tal-proġett iBrain. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukraina, u l-miżuri ta' sanzjoni adottati mill-Kunsill b'reazzjoni għal din l-aggressjoni, jikkostitwixxu każ ta' force majeure, li jipprekludu lir-rikorrenti milli tosserva l-obbligu kuntrattwali tagħha li tibgħat dokumenti li jiġġustifikaw l-ispejjeż eliġibbli għas-sussidju tal-EACEA.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' natura ċerta, likwida u eżiġibbli tal-kreditu tal-Kummissjoni.
 - Ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li minħabba każ ta' forza maġġuri, il-Kummissjoni ma setgħetx timponi fuq ir-rikorrenti s-somma ta' EUR 153 160,47 li tikkorrispondi għall-ispejjeż mhux iġġustifikati tal-imsieħba Russi.
 - Fit-tieni lok, id-deċiżjoni ta' tpaċija tal-Kummissjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni r-rimbors diġà mwettaq mir-rikorrenti fl-ammont ta' EUR 105 013,27.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' tpaċija tal-14 ta' Lulju 2025.
 - Skont ir-rikorrenti, id-deċiżjoni ta' tpaċija la tinkludi xi element ta' motivazzjoni li jippermetti li din il-miżura tiġi ġġustifikata, u lanqas prova tal-fondatezza tal-fatti li tippermetti ġustifikazzjoni tat-tpaċija.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni sabiex tieħu deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-irkupru ta' kreditu kuntrattwali.
 - Ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, li l-kreditu kuntrattwali ma jaqawx taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 299 TFUE u, għaldaqstant, ma jistawx ikunu is-suġġett ta' deċiżjoni eżekuttiva unilaterali tal-Kummissjoni.

- Ir-rikorrenti ssostni, fit-tieni lok, li r-rikonoxximent lill-Kummissjoni tal-kompetenza li tadotta att unilaterali li jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet tal-irkupru ta' kreditu kuntrattwali jmur kontra d-dritt għal rimedju effettiv kif irrikonoxxut mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
-